**Fit-Tribunal ghat-Talbiet Tal-Konsumaturi**

**Rikors Nru C.C.T 217/14/MS**

**Raphael u Jane Dougall**

**vs**

**Herman Bonaci u Frida Cauchi - Vision Line**

Illum 13 ta' April 2015.

It-Tribunal,

Ra t-talba tar-rikorrenti tal-20 ta' Ottubru 2014.

Ra r-risposta tal-konvenuti tas-26 ta' Novembru 2014.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati, sema' lir-rikorrent u ha konjizzjoni tal-atti kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra:**

Irrizulta mill-provi illi fl-24 ta' Awwissu 2014, ir-rikorrenti Jane Dougall xtrat *Multi Blender* minn fuq Telebejgh tad-ditta ghall-prezz ta' €44.94.

Jinghad mill-bidu nett illi l-blender jahdem tajjeb f'kull rispett, pero' il-parti ta' fuq, u cjoe' il-*goblet*, tidher illi hija imwahhla mill-parti t'isfel fejn hemm il-mutur b'mod illi din ma tistax tinqala' biex titnaddaf. Skond il-*manual* tal-istruzzjoni ezebit, suppost facli illi din il-*goblet* tinqala', izda ghal xi raguni dan mhuwiex qed isir. Ir-rikorrenti hadu l-*blender* il-hanut tal-Vision Line fejn zammewha ghal ghaxart ijiem u meta baghtu ghar-rikorrenti biex jehduha lura, qalulhom li ma setghu jaghmlu xejn peress illi jidher illi inqabbzet xi sinna fil-kamin biex b'hekk twahhal il-goblet mal-parti t'isfel.

Illi s-socjeta intimata targumenta illi ma riedux imissu dan il-goblet ghax bezghu illi jinkiser f'idejhom.

**Ikkunsidra:**

Minn ezami akkurat tal-manwal tal-istruzzjoni jidher car illi dan il-blender ghandu diversi partijiet li jizzarmaw sabiex ikun jista' jsir it-tindif u jinghataw istruzzjonijiet kif dan ghandu jsir. Jidher illi

r-rikorrenti ippruvaw innadfu dan il-blender mat-tieni darba illi uzawh u ghalhekk il-probabbilta' hi illi dan inxtara u inghata lilhom shih, armat bil-blender imwahhal mal-mutur. Dan ifisser kwindi, illi jekk sar xi zball, dan ma kienx minn-naha tar-rikorrenti izda minn-naha tal-fabbrika meta armat il-*blender* u poggietu fil-kaxxa lesta ghall-bejgh. Evidentement, dan qabez l-attenzjoni tal-*quality control* tad-ditta li timmanifattura dan il-*blender*. U hekk gie konsenjat lis-socjeta' intimata, li min-naha taghha bieghatu lir-rikorrenti.

Mhuwiex probabbli illi tqabbez kamin u ma tindunax waqt illi inti qed iddawwar l-oggett. Ghalhekk tenut kont illi l-versjoni tar-rikorrenti hi probabbilment vera illi huma nghataw blender bid-difett imsemmi, it-Tribunal ihoss illi ghandu jilqa' t-talba taghhom.

**Ghal dawn il-motivi**

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li jilqa't-talba tar-rikorrenti. Billi s-socjeta' konvenuta ma tridx tiehu is-sogru illi tiftah u tissepara il-goblet minn mal-mutur, il-Tribunal jordna lis-socjeta' intimata li tirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' €44.94, prevja d-dritt tal-istess li jiehdu lura l-*blender* koncernat.

Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' konvenuta.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**